MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tat-2 ta' Lulju, 2012

Citazzjoni Numru. 542/2012

**Sister Mary Ann Mallia**

**-vs-**

**Direttur tar-Reġistru Pubbliku**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentata fit-30 ta' Mejju 2012 li permezz tiegħu ġie premess:

Illi l-esponenta marret sabiex tagħmel passaport ġdid *stante* li hija ġiet imsejħa sabiex toffri s-servizz pastorali tagħha fil-Pakistan iżda ġiet mgħarrfa li hija ma setgħetx tottjeni tali passaport fl-isem ta' 'Mary Ann Mallia' peress illi l-ismijiet mogħtija u l-ismijiet li għandha tiġi msejħa bih skond iċ-ċertifikat ta' twelid (liema estratt qed jiġi anness bħala Dok MM1) huwa dak ta' 'Maria Anna' u 'Maria' rispettivament.

Illi l-esponenta ilha sa minn meta tiftakar, prattikament matul ħajjitha kollha, tiġi msejħa u magħrufa bħala 'Mary Ann' u dan anki kif jirriżulta mid-dokumenti kollha liqed jiġu annessi bħala Dok A-P fostha dak tal-Karta tal-Identita', Dokument tal-Liċenzja tas-Sewqan, Ċertifikati u saħansitra sentenzi mogħtija mill-Qorti ta' Ġurisdizzjoni Volontarja u Tribunal għat-Talbiet Żgħar.

In vista ta' dan il-fatt l-esponenta tqis illi ladarba din ilha konsistentement imsejħa bħala 'Mary Ann' matul ħajjitha kollha u mhux bl-isem indikat fl-att ta' twelid tagħha, huwa opportun illi jsir il-bdil relattiv *ai termini* tal-Artikolu 253 (2) tal-Kodiċi Ċivili.

Għaldaqstant l-esponenti umilment titlob lil din l-Onorabbli Qorti;

1) Tiddikjara li l-isem li l-esponenta ilha magħrufa bih, konsistentement tul ħajjitha kollha hu dak ta' 'Mary Ann' u mhux 'Maria Anna' jew 'Maria' *ai termini* tal-Artikolu 253 (2) tal-Kodiċi Ċivili.

2) Tordna sabiex jiġi effetwat il-bdil relattiv dwar l-isem tar-rikorrenti minn 'Maria Anna' u 'Maria' għal 'Mary Ann' b'dan illi tali bdil jiġi effetwat fl-Att ta' twelid tagħha bin-numru ta' iskrizzjoni tlett elef seba' mija u sebgħa u sittin (3767) tas-sena elf disa' mija u sebgħa u erbgħin (1947) kemm taħt il-kolonna ta' ismijiet mogħtijin kif ukoll taħt il-kolonna tal-isem li għandha tiġi msejħa bih.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-attriċi u l-lista tax-xhieda.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenut, Direttur tar-Reġistru Pubbliku ppreżentata fit-2 ta' Lulju 2012, li permezz tagħha eċċepixxa:

1. Illi *in linea* preliminari jingħad illi huwa meħtieġ li tal-inqas ħmistax-il ġurnata qabel is-smigħ tal-kawża ssir id-debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern *ai termini* tal-Artikolu 254 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Illi għal dak li jikkonċerna mal-mertu tal-kawża l-esponent jirrimetti ruħu għad-deċiżjoni ta' din l-Onorabbli Qorti salv pero' li l-provi miġjuba jkunu l-aħjar u sodisfaċenti f'għajnejn il-liġi;

3. Illi finalment mingħajr ħsara għall-premess l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe każ l-azzjoni tar-rikorrent mhijiex attribwibbli għal xi għemil da parti tal-esponent u kwindi huwa m'għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti, tenut kont ukoll tal-fatt li kien missier ir-rikorrenti stess, Elia Mallia, li kien għamel id-dikjarazzjoni fl-Att tat-Twelid *de quo* u kienu anke ffirma li l-informazzjoni li hemm kontenuta kienet waħda korretta;

4. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti li qiegħda tiġi nġunta in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-konvenut, Direttur tar-Reġistru Pubbliku u l-lista tax-xhieda.

Rat il-verbal tal-lum stess li permezz tiegħu l-kawża tħalliet għas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi din il-kawża qed issir *ai termini* tal-Artikolu 253 *et sequitur* tal-Kodiċi Ċivili;

Billi t-talba attriċi hija ġustifikata, għalkemm il-konvenut ma jaħtix għall-iżball;

**Tiddeċiedi din il-kawża billi tilqa' t-talbiet attriċi.**

**L-ispejjeż tal-kawża għandhom jitħallsu mill-attriċi.**

**Il-Qorti takkorċja t-terminu tal-Appell għal ġurnata.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------